# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 571/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

**John Mary Bonavia**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-3 ta' Settembru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 551274(M)

Illum, 2 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant John Mary Bonavia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-31 ta' Mejju, 2011 ghal habta tal-1145hrs gewwa Triq Ta' Tavlin, Zejtun:

1. Insulenta lil Mary Spiteri b'gesti;
2. Fl-istess data, lok u hin gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Mary Spiteri meta kien jaf jew messu kien jaf li dan huwa ta' fastidju ghal Mary Spiteri.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz li ssib l-imputat hati tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali applikat kontra l-imputat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u rabtet lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu innifsu ghal zmien sena taht penali ta' €2,300 sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku.

Rat ir-rikors tal-appellant John Mary Bonavia tat-3 ta' Dicembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata kwantu illiberatu mill-ewwel akkuza u tirriforma kwantu ghat-tieni akkuza billi tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

a. Illi l-esponenti jilmenta li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tad-delitt ta fastidju kif stabbilit fil-Kodici Kriminali. Dan qieghed jinghad ghax l-elementi essenzjali tieghu ma jirrizultawx la fil-mens rea u anqas fl-actus reus. Anqas f'dan l-imsemmija Mary Spiteri ma ddikjarat li hija hassetha minaccjata ai termini tal-istess disposizzjoni.

b. Illi fit-tieni lok l-esponenti jilmenta ulterjorment li l-immsemmija l-ewwel Oorti naqset ukoll milli tapplika l-principju legali li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarja u f'dawn il-kazijiet ix-xiehda moghtija quddiem l-ewwel Qorti ma tigix traskritta. Dan ifisser li din il-Qorti jkollha terga tisma x-xhieda u id-decizjoni taghha tkun bazata fuq dak li jkun intqal quddiemha. Naturalment, din il-Qorti ma ghandha ebda kontroll jekk xhud ikun biddel il-versjoni tieghu.

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg girien li ma tantx imorru tajjeb ma xulxin. Fil-31 ta' mejju, 2011 il-pulizija rceviet zewg rapporti separati tal-partijiet fejn il-parte civile u l-appelant akuuzaw lil xulxin dwar insulti u fastidju fil-konfront ta' xulxin.

Illi fil-kaz in ezami l-appellant gie liberat mill-ewwel Qorti li hu nsulenta lill-parte civile izda nstab hati li ta fastidju.

Illi l-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma djametrikament opposti u nonostante l-fatt li kien hemm persuni ohra prezenti ghall-kaz il-prosekuzzjoni ma deherilix li sejjah dawn il-persuni biex joffru x-xiehda taghhom.

Illi fuq l-iskorta tal-provi fqar li gew prodotti jidher car li l-appellant u il-parte civile kellhom xi jghidu ghar-rigward ta' kwistjoni civili li tirrigwarda proprjeta'. Fuq l-iskorta ta' dawn il-provi li hemm din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvincenti morali li l-appellant ta fastidju lill-parte civile.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni tilqa l-appell ta' John Mary Bonavia. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-istess John Mary Bonavia minn kull htija u piena.